

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarji](#) > [Talbiet Żgħar](#) > [Poland](#)

# Talbiet żgħar

 Polonja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

## 1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Id-dritt Pollakk jipprevedi "proċedura simplifikata". Hija regolata mill-Artikolu 505(1-14) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ('CCP') (*Kodeks postępowania cywilnego*).

Is-simplifikazzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-ħeffa tal-proċedimenti jikkonsistu fis-simplifikazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-kumpilazzjoni tax-xhieda u l-proċedimenti tal-appell billi jitħaffu l-proċeduri tal-qorti u jsiru inqas formali, kif ukoll fl-introduzzjoni ta' rekwiżiti formali aktar stretti għall-partijiet biex jiżguraw li jikkonformaw mal-iskadenzi rilevanti għat-teħid ta' passi proċedurali.

Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Pollakk jinkorpora wkoll il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar. Il-proċedura ġiet introdotta bir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jstabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar bl-għan li jiġu razjonalizzati u simplifikati l-proċedimenti ċivili u kummerċjali. Ir-Regolament jiġi applikat fl-Istati Membri kollha tal-UE minbarra d-Danimarka. Dan ġie traspost fid-dritt Pollakk permezz tal-Artikolu 505 (21-27a) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

### 1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Il-każijiet eżaminati skont il-proċedura simplifikata huma azzjonijiet għall-eżekuzzjoni fejn il-valur tat-talba ma jaqbiżx PLN 20 000 u każijiet li jikkonċernaw talbiet taħt garanzija (fejn il-valur tas-suġġett tal-kuntratt ma jaqbiżx dak l-ammont).

Madankollu, il-każijiet li ġejjin mhumiex eżaminati skont il-proċedura simplifikata:

1. kawżi fil-ġurisdizzjoni tal-qradi reġjonali (*sądy okręgowe*);
2. kawżi matrimonjali u kawżi li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u t-tfal;
3. kawżi relatati mal-liġi tax-xogħol eżaminati bl-involviment ta' mħallfin onorarji;
4. kawżi relatati mal-assigurazzjoni soċjali (b'ċerti eċċezzjonijiet).

Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-qradi distrettwali (*sądy rejonowe*) u tal-qradi reġjonali f'konformità mal-ġurisdizzjoni territorjali stabbilita fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (l-Artikolu 16 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, moqri flimkien mal-Artikoli 17 u 505 (22) tiegħu). F'każijiet bħal dawn, l-iskrivani ġudizzjarji jistgħu joħorġu ordnijiet.

F'konformità mar-Regolament imsemmi hawn fuq, talbiet żgħar huma talbiet f'materji ċivili u kummerċjali (inklużi kwistjonijiet tal-konsumatur) u każijiet li fihom il-valur tat-talba, esklużi l-interessi u l-ispejjeż, ma jaqbiżx l-EUR 5 000 (fiż-żmien meta l-qorti kompetenti tirċievi l-formola tat-talbiet).

### 1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Skont l-Artikolu 505(3), kwalunkwe rikors skont il-proċedura simplifikata jista' jikkonċerna talba waħda biss. Diversi talbiet jistgħu jingħaqdu f'rikors wieħed biss jekk jirriżultaw mill-istess kuntratt jew kuntratti tal-istess tip.

Fil-każ li diversi talbiet jiġu kkombinati b'mod inammessibbli f'rikors wieħed, l-imħallef li jippresjedi għandu jordna ċ-ċaħda tar-rikors mingħajr azzjoni intiża għar-rettifika ta' din l-irregolarità. Jekk fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi l-ordni dwar iċ-ċaħda, ir-rikorrent jirtira r-rikors fir-rigward tat-talbiet li ma jistgħux jiġu kkombinati, ir-rikors jibqa' jkollu effett fir-rigward tal-bqija mid-data li fiha jkun ġie ppreżentat oriġinarjament.

Jekk ir-rikorrent qiegħed jitlob biss parti mit-talba, il-każ jiġi kkunsidrat skont il-proċedura simplifikata jekk din il-proċedura tkun xierqa għat-talba kollha li tirriżulta mill-fatti invokati mir-rikorrent. It-talbiet skont il-proċedura simplifikata ma jistgħux jiġu mmodifikati. Il-kontrotalbiet u t-tpaċijijiet huma permessi jekk it-talbiet ikunu eliġibbli għall-proċedura simplifikata. Intervent primarju, intervent sekondarju, avviżi lil partijiet terzi u s-sostituzzjonijiet tal-partijiet mhumiex permessi.

Il-kawżi jinstemgħu skont il-proċedura simplifikata irrispettivament mix-xewqat tal-partijiet, li jfisser illi din il-proċedura hija obligatorja.

### 1.3 Formoli

Skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (l-Artikolu 125(2)), in-noti kollha, inklużi r-rikorsi, id-dikjarazzjonijiet tad-difiża, ir-rikorsi għall-annullament tas-sentenzi fil-kontumaċja jew in-noti li jkun fihom evidenza ppreżentata matul il-proċedura simplifikata, għandhom jiġu ppreżentati fuq formoli uffiċjali.

Formoli uffiċjali huma disponibbli mill-uffiċċji muniċipali (urzędy gmin / miast), l-uffiċċji tar-reġistru tal-pajjiż (biura podawcze sądów) u fuq is-sit web tal-Ministeru għall-Ġustizzja <https://www.gov.pl/web/sprawiedliwosc/formularze-pism-procesowych-w-postepowaniu-cywilnym>. In-nuqqas ta' użu tal-formola rikjesta jikkostitwixxi irregolarità formali.

Skont id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (l-Artikolu 130(1) tiegħu), jekk talba li kellha tiġi ppreżentata fuq formola uffiċjali ġiet ippreżentata mod ieħor jew ma tistax tiġi pproċessata għaliex ma ġewx issodisfati kundizzjonijiet formali oħra, l-imħallef presedenti jitlob lil dik il-parti biex tikkoreġi l-irregolaritajiet fi żmien ġimgħa u tibagħtilha t-talbiet. Rikjesta għall-korrezzjoni tal-irregolaritajiet għandha tispeċifika l-irregolaritajiet kollha fit-talba. Jekk il-parti mitluba tagħmel dan tonqos u jiskadi ż-żmien jew terġa' tippreżenta talba irregolari, l-imħallef presedenti jordna r-ritorn tat-talba.

Skont il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, hemm erba' formoli standard, meħmuża bħala annessi mar-Regolament msemmija hawn fuq. Dawn huma:

- il-formola tat-talba;
- it-talba mill-qorti jew mit-tribunal biex timtela u/jew tiġi rettifikata l-formola tat-talba;
- il-formola tat-tweġiba;
- iċ-ċertifikat dwar sentenza fil-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar.

### 1.4 Assistenza

Jekk il-qorti tikkonkludi li huwa impossibbli jew diffiċli ħafna li jiġi pprovat b'mod konklużiv l-ammont ta' talba, hija tista' tattribwixxi ammont xieraq fis-sentenza fid-diskrezzjoni tagħha, wara li tikkunsidra l-fatti kollha tal-kawża. Meta teżamina kawża, qorti tista' tinjora r-regoli dwar il-proċedura simplifikata, meta din tista' tikkontribwixxi għal soluzzjoni aktar effiċjenti tat-tilwima (l-Artikolu 505(1) §3 ta' Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Meta jkun meħtieġ għarfien speċifiku biex jiġu ddeterminati l-merti u l-ammont tat-talba, hija fid-diskrezzjoni tal-qorti li ttwettaq valutazzjoni indipendenti li tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-kawża jew li titlob perizja. Ma tintalab l-ebda perizja meta l-kost antiċipat ta' opinjoni jaqbeż il-valur tat-talba, sakemm ma jkunx iġġustifikat minn ċirkostanzi speċjali. Il-fatt li xhud ikun xehed ma jipprekludihx milli jiġi kkonsultat bħala espert, inkluż fir-rigward ta' fatti li għalihom ikun xehed, anki jekk ix-xhud ikun diġà fassal opinjoni fuq talba ta' entità li ma tkunx il-qorti (l-Artikolu 505(7) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

### 1.5 Regoli dwar is-smiġħ tal-provi

Meta jkun meħtieġ għarfien speċifiku biex jiġu ddeterminati l-merti u l-ammont tat-talba, hija fid-diskrezzjoni tal-qorti li ttwettaq valutazzjoni indipendenti li tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-kawża jew li titlob perizja. Ma tintalab l-ebda perizja meta l-kost antiċipat ta' opinjoni jaqbeż il-valur tat-talba, sakemm ma jkunx iġġustifikat minn ċirkostanzi speċjali. Il-fatt li xhud ikun xehed ma jipprekludihx milli jiġi kkonsultat bħala espert, inkluż fir-rigward

ta' fatti li għalihom ikun xehed, anki jekk ix-xhud ikun diġà fassal opinjoni fuq talba ta' entità li ma tkunx il-qorti (l-Artikolu 505(7) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

## 1.6 Proċedura bil-miktub

Fil-prinċipju, il-proċedura simplifikata hija proċedura bil-miktub. Il-maġġoranza tat-talbiet mill-partijiet għandhom jiġu ppreżentati fuq formoli speċjali uffiċjali. Madankollu, it-talbiet jistgħu jiġu ppreżentati wkoll oralment skont il-proċedura simplifikata. Parti għall-kawża li tkun preżenti għas-seduta li fiha tingħata s-sentenza tista' tirrinunzja għad-dritt ta' appell tagħha permezz ta' dikjarazzjoni mogħtija wara li tingħata s-sentenza. Jekk il-partijiet eliġibbli kollha jirrinunzjaw id-dritt ta' appell, is-sentenza ssir finali (l-Artikolu 505 (8) § 3 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħir hija proċedura bil-miktub (l-Artikolu 125 §2) flimkien mal-Artikolu 505 (21) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

## 1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Meta teżamina kawża, qorti tista' tinjora r-regoli dwar il-proċedura simplifikata, fejn dan jista' jikkontribwixxi għal soluzzjoni aktar effiċjenti tat-tilwima. Deċiżjoni tal-qorti skont l-Artikolu 505(1) §3 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili għandha tingħata waqt is-seduta bħala deċiżjoni li minnha ma hemmx appell.

## 1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Ir-rikorrenti jridu jħallsu tariffa biex jippreżentaw rikors skont il-proċedura simplifikata, kif inhu l-każ skont il-proċedura tas-soltu. Skont il-proċedura simplifikata, ir-regoli dwar it-tariffi għal rikorsi huma bbażati fuq ir-regoli ġenerali stabbiliti fl-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti (Kawżi Ċivili) tat-28 ta' Lulju 2005.

Skont il-proċedura simplifikata, l-ispejjeż jitqassmu bejn il-partijiet skont ir-regoli ġenerali previsti fl-Artikoli 98 sa 110 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Skont l-Artikolu 98 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, il-parti telliefa hija meħtieġa fuq talba tal-parti l-oħra li tirrimborża l-ispejjeż ta' asserzjoni ġustifikata jew difiża ġustifikata tad-drittijiet tagħha. Il-qorti talloka l-ispejjeż f'kull sentenza li tikkonkludi każ f'istanza partikolari.

## 1.9 Il-possibilità ta' appell

Appell jista' jitressaq quddiem qorti tal-appell (*sąd apelacyjny*) kontra sentenzi mogħtija skont ir-Regolament. Jekk is-sentenza tkun ingħatat minn qorti distrettwali, l-appell jiġi ppreżentat permezz ta' dik il-qorti quddiem qorti reġjonali, u jekk is-sentenza tkun ingħatat minn qorti reġjonali, l-appell jiġi ppreżentat permezz ta' dik il-qorti quddiem qorti tal-appell (l-Artikoli 367 u 369 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, moqrija flimkien mal-Artikoli 505(26) u 505(27) tiegħu).

Jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament, il-qorti tagħti sentenza b'kontumaċja. L-intimat jista' jappella s-sentenza mogħtija b'kontumaċja quddiem il-qorti li tat dik is-sentenza. Jekk l-eżitu tal-kawża ma jkunx pożittiv, ir-rikorrent jista' jappella skont ir-regoli ġenerali (l-Artikoli 339 §1, 342 u 344 §1 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

---

L-aħħar aġġornament: 25/03/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.